**Nru. 678**

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN**

**Riżenja mill-Post ta' Deputat Reġistratur Diviżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, Malta**

NGĦARRFU illi s-Sur Michael Portelli, K.I. 44385 (M), Uffiċjal fi Skala 10 u s-Sinjura Melissa Xuereb, K.I. 14884 (G) irriżenjaw mill-post ta' Deputat Reġistratur fid-Diviżjoni tal-Qrati tal-Ġustizzja, Malta, b'seħħ mis-16 ta' Jannar, 2010 u mis-16 ta' Ġunju, 2010 rispettivament.

It-2 ta' Lulju, 2010

**No. 678**

**MINISTRY FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS**

**Resignation from the Post of Deputy Registrar Courts of Justice Division, Malta**

IT is hereby notified that Mr Michael Portelli, I.D. 44385 (M), Officer in Scale 10 and Ms Melissa Xuereb, I.D. 14884 (G) have ceased to perform duties of Deputy Registrar at the Courts of Justice Division, Malta, with effect from 16th January, 2010 and 16th June, 2010 respectively.

2nd July, 2010

**Nru. 679**

**L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**

**Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali Limitat**

BI qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 ta' 2007) rigward l-applikazzjoni msemmija hawn taħt, u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali limitat (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni ħadet inkonsiderazzjoni b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldqastant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali limitat mhux se żżid informazzjoni ġdida u l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi din l-applikazzjoni. Mill-informazzjoni li ġiet ippreżentata d-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u l-i*screening* li sar skont Skeda IB tal-istess Regolamenti, mhux probabbli li l-proposta jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta' Referenza: PA 02623/09
Post: Sit f'Xatt Lascaris, il-Belt Valletta
Proposta: Modernizzar u estensjoni tax-Xatt ta' Lascaris

L-effetti potenzjali fuq l-ambjent flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) sottomess lill-Awtorità fis-6 ta' Jannar 2010 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Studju dwar l-Impatt Ambjentali limitat sottomessa fl-20 ta' Mejju 2010.

**No. 679**

**MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY**

**Exemption of Environmental Planning Statement**

IN conformity with Regulation 3 (8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007) in respect of the application mentioned hereunder, and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Reference Number: PA 02623/09
Location: Quay at Xatt Lascaris, Valletta
Proposal: Upgrading and extension of Lascaris Wharf

The following potential environmental concerns were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA in 6th January 2010 and the justification for proposal from carrying out a limited Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 20th May 2010.

| **Impatti potenzjali**<br>***Potential Impact*** | **Rimarki fuq miżuri biex jitaffa l-impatt, eċċ.**<br>***Remarks on mitigation measures, etc.*** |
|---|---|
| Kwalità tal-ilma | Effetti mit-tixrid ta’ żjut, *fuel* u kimika oħra minħabba l-*batching plant* temporanja, il-makkinarju u t-tqegħid ta’ *concrete placements* se jiġu evitati permezz ta’ ħażna adegwata u miżuri *standard* biex jittaffew dawn l-impatti. Id-*‘decanting’* tal-*fuel* u żjut fuq jew viċin ix-xifer ta’ mal-baħar se jiġi kkontrollat bir-reqqa permezz ta’ lqugħ temporanji li se jitpoġġew fiż-żona biex jiġi kkontrollat xi tixrid li jista’ jseħħ. Kull miżura ta’ emerġenza neċessarja għandha titnieda fil-każ ta’ xi tixrid minħabba l-iżvilupp propost. |
| *Water Quality* | *Potential oil, fuel or chemical spillages from temporary batching plant, equipment and under water concrete placements shall be minimized by their appropriate storage and use in accordance with good working practice. Decanting of fuel and oil on or adjacent to the sea wall will be strictly controlled and temporary bunds set-up to contain spillages. All necessary emergency procedures to be instigated in the event of a spillage.* |
| Skart | L-iskart li se jinħoloq mill-iżvilupp kif propost huwa minimu (madwar 19,600 metru cubu). Il-metodu ta’ rimi u mmaniġġar ta’ dan l-iskart se isir skont ir-regolamenti rilevanti.<br>Qed ikun ukoll propost li l-ħama u n-naqal li se jirriżulta mit-tħammil jintrema ġewwa fil-baħar, f’post approvat mill-MEPA, filwaqt li l-ġebel u l-konkos jinġarr bil-braken, jintgħażel, u jiġi trasportat lejn siti approvati għar-rimi ta’ skart. Ir-rimi ta’ skart b’metodi oħra se jkun ipprojbit. L-immaniġġar tal-iskart se jkun ukoll trattat fid-dettall fil-pjan għall-immaniġġjar tal-fażi ta’ kostruzzjoni. |
| *Waste* | *The volume of solid waste to be produced by this project amounts to approximately 19, 600m3 (including rock, silt and sediment). Method of disposal and management of such wastes will be in accordance with waste management legislation.*<br><br>*It is being proposed that both the silt and sediment resulting from dredging will be deposited out to sea at a location agreed with MEPA; while rock and demolished concrete will be taken away by barges, classified and transported to approved waste disposal sites using approved methods of working. Disposal of waste by any other means is strictly prohibited. Waste management will be addressed in the Construction Management Plan (CMP) submitted.* |

Minkejja dak li jissemma’ hawn fuq, l-Awtorità ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista’ jkun meħtieg biex tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni.

It-2 ta’ Lulju, 2010

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

2nd July, 2010

**Nru. 680**

**AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TAL-ATT TAL-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TAL-1996)**

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skont l-artikoli 7 u 8 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b’din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

**No. 680**

**NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)**

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Lokali
*Application for licence of a Local Warden*

| Isem u kunjom<br>*Name and Surname* | Nru. tal-Karta tal-Identità<br>*Identity Card No.* | Indirizz<br>*Address* |
|---|---|---|
| Gregory Debono | 191272 (M) | 93, “St.Anthony Court”, Flat 4, Triq Carini, Santa Venera |